Inawgurazzjoni taċ-Ċentru Parrokkjali

# Familja Mqaddsa





**Il-Hadd, 1 ta' Mejju 2011**

*Rigal mill-poplu…*
*għall-poplu ta' Ħad-Dingli*

fis-Sena tal-150 Anniversarju
tal-Istatwa Titulari
ta' Santa Marija

## Il-HAMIS, 28 TA' APRIL 2011 - MANIFESTAZZJONI MARJANA

**7.30 p.m.** Pellegrinaġġ *Aux Flambeaux* li jitlaq minn quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid u matulu tingħad it-talba tar-Rużarju. Il-pellegrinaġġ jgħaddi minn dawn it-toroq: il-Knisja, Ġużi Cutajar, Ġuże' Ellul Mercer, Ċensa Spiteri, Misraħ Frenċ Abela u l-Parroċċa. Min se jattendi għall-pellegrinaġġ mistieden iġib miegħu xemgħa. Mal-wasla fil-Knisja, tiġi ċċelebrata quddiesa minn Fr Hayden Williams OFM Cap.

## IL-HADD, 1 TA' MEJJU 2011 - JUM L-INAWGURAZZJONI TAĊ-ĊENTRU PARROKKJALI FAMILJA MQADDSA

**8.40 a.m.** *Church Parade* mill-Grupp tal-*iScouts* u l-*Girl Guides* li tgħaddi minn dawn it-toroq: Il-Għajn, il-Kbira, Ġuże' Ellul Mercer, Ġużi Cutajar, Għar Bittija, l-Irdum, Santu Rokku, il-Parroċċa u l-Knisja.

**8.45 a.m.** Mota ta' ferħ mill-qniepen tal-Knisja Parrokkjali.

**9.30 a.m.** Quddiesa fil-beraħ quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali immexxija mill-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Pawlu Cremona O.P.

Wara ssir iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni u t-tberik taċ-ċentru parrokkjali l-ġdid li jibqa' miftuħ sas-1.00 p.m.

**Il-parroċċa ta' Ħad-Dingli, li din is-sena qed tfakkar il-150 anniversarju tal-istatwa titulari ta' Santa Marija, għażlet li tinawgura dan iċ-Ċentru Parrokkjali fil-ftuħ tax-xahar iddedikat lill-Madonna; Mejju. Din l-okkażjoni storika għall-parroċċa ta' Ħad-Dingli qed issir ukoll f'ġurnata ta' ferħ kbir għall-Knisja Kattolika billi fil-Vatikan ser issir il-beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II, f'jum il-Festa tal-Ħniena Divina, iċċelebrata Ħadd fuq l-Għid il-Kbir.**

Għal-lum biss, il-quddiesa tal-11.00 a.m. fil-Knisja Parrokkjali se tiġi ċċelebrata fil-11.30 a.m.

## IT-TLIETA, 3 TA' MEJJU - TILTAQA' L-EWWEL GHAQDA FIĊ-ĊENTRU U APPREZZAMENT GHALL-VOLONTARJAT

**9.30 a.m.** L-ewwel laqgħa tal-Klabb Nisa Dingli fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**7.30 p.m.** Laqgħa ta' radd il-ħajr għal dawk li ħadmu b'mod volontarju biex twettaq il-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali ġdid.

## IL-ĦAMIS, 5 TA' MEJJU - ŻWIEĠ B'SAĦĦTU U DEJJIEMI

**7.30 p.m.** Laqgħa informattiva għal kulħadd fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali dwar iż-Żwieġ u l-Familja. Kelliem: Dr Arthur Galea Salomone, mill-Moviment Żwieġ Bla Divorzju.

## IL-ĠIMGĦA, 13 TA' MEJJU - ANNIVERSARJU TAL-EWWEL DEHRA TAL-MADONNA F'FATIMA

**4.30 p.m.** Katina ta' Rużarju fil-Knisja.

**6.45 p.m.** Pellegrinaġġ Marjan bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima mill-Knisja għaċ-Ċentru Parrokkjali. Din l-istatwa ngħatat lill-parroċċa biex titpoġġa b'mod permanenti fil-kappella taċ-Ċentru Parrokkjali.

**7.00 p.m.** Quddiesa fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali mmexxija mill-Kappillan Rev. Norman Zammit.

## IT-TNEJN, 3 TA' OTTUBRU 2011

**Għall-ewwel darba, l-Uffiċċju Parrokkjali jibda jopera miċ-Ċentru Parrokkjali wara li jkun ġie trasferit mid-Dar Parrokkjali.**



**IS-SIBT, 8 U L-ĦADD, 9 TA' OTTUBRU 2011**

**"Il-Parroċċa Qrib Tiegħek"**

*Open Weekend* taċ-Ċentru Parrokkjali Familja Mqaddsa bis-sehem tal-għaqdiet kollha fi ħdan il-parroċċa. Opportunita' għall-poplu kollu ta' Ħad-Dingli biex isir jaf aktar dwar is-servizzi offruti mill-parroċċa. l-għaqdiet li jaħdmu fi ħdanha u stedina għal parteċipazzjoni akbar fil-ħajja tal-parroċċa tagħna.











**Żomm ruħek aġġornat fuq il-ħajja fil-parroċċa tagħna.**
**Aqra l-magażin *FLIMKIEN* u żur is-sit elettroniku**
**www.dingliparish.com**